MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

## Laqgħa Numru 51 – 4 Leġislatura

**It-Tlieta ta' 24 ta'Frar 2026**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku Zejtun | Sinjura Joan Agius |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Santa Luċija | Kapt Charmaine St John |
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Gianluca Falzon |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Kunsillier Gudja | Is-Sinjura Maria Micallef Bailey |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |
| Kunsillier Ħal-Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antione Vassallo |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

Ħadt

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku Scott Camilleri u Sindku Luke Farrugia

ASSENTI

Ħadt

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mariella Strout Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**51.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

**51.1.1** Il-President informa li Sindku Luke Farrugia u Sindku Scott Camilleri

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

**51.2.1** Il-President ressaq il-Minuti ta' ħamsin (50) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa.

**51.2.2** Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Kunsillier Charlo Mifsud, il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**51.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

**51.2.3.1** Il-President qal li saret il-laqgħa ma l-Perm Seg u Direttur mill-Ministeru tal-Gustizzja fejn Regjun ġie nfurmat li hemm pjan li ssir aġenzija separata għat-Tribunali b'hekk ma jibqawx f'responsabiltà ta' Reġjun.

**51.2.3.2** Il-President informa li l-proċess sabiex jinqala lift mil-binja kien għaddej u kif jitlesta dan ix-xogħol jibda xogħol mill-kuntrattur

**51.2.3.3** Il-President fakkar li attività tal-bidu tal-Proġett Hena ser issir nhar 9 ta'Marzu 2026 fl-iskola primarja ta' Zejtun.

**51.2.3.4** Il-President fakkar li Proġett Caqlaq ser issir f'tlett lokalitajiet, Marsaskala family park, Spencer Garden Marsa u Ġnien l-Għanneja Zejtun. L-informazzjoni dwar dati diġà ġiet mogħdija lil Kunsilli u kullħadd mistieden jattendi.

**51.3 Komunikazzjoni mill-president**

**51.3.1 Proposta Micro Grant - 2026 - 2028 -Malta Music & Performing Arts Complex**

Il-President informa li l-NGO MMPAC – Malta Music & Performing Arts Complex, iltaqaw ma Segretarju Ezekuttiv u Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura fejn prezentaw proposta bl-għan prinċipali li jipromovu artisti li għadhom fil-bidu tal-karrira tagħhom. Dan jistaw jagħmluh wara li irċevew grant ta' €90,000 mill-Arts Council Malta. MMPAC qed jipproponu li jniedu l-Artistic Creation Micro Fund f'kollaborazzjoni mar-Reġjun tal-Lvant, billi jħaddmu mudell lokalizzat għal kull kunsill lokali. Il-pjan huwa l-sejħa titnieda f'April u l-proġetti jitwettqu bejn Lulju u Diċembru.

Il-konċett huwa dan:

- Kull Kunsill Lokali parteċipanti jikkontribwixxi €500, li mbagħad jiġu mqabblin fil-Micro Fund.
- Tinħoloq sejħa lokali għal proposti artistiċi f'kull lokalità.
- Il-proġetti magħżula jitwettqu fil-lokalità rispettiva.

Din l-iskema tgħin biex:

Tiżdied in-numru ta' artisti/jirbaħ fis-sena

- Il-fondi kulturali jitqassmu b'mod aktar ġust u lokalizzat
- Jissaħħaħ l-attività artistika fil-komunitajiet infushom
- Jissaħħaħ ir-rwol tal-Kunsilli Lokali fl-iżvilupp kulturali

MMPAC se jieħdu ħsieb:

- il-sejħa,l-għażla tal-proġetti, u ir-rapportar.

Il-President tenna li kull Kunsill jista jagħmel kuntatt dirett ma l-NGO jekk ikunu interessati f'din il-kollobarazzjoni. Is-Sindki u Delegati prezenti qablu li jitkellmu ma l-Kunsill respettiv tagħhom

**51.3.2 Talba mill-Kunsilli Lokali għal għajnuna finanzjarja relatata ma attivitajiet tal-Ġimgħa Mqaddsa**

Il-President qal diversi Kunsilli Lokali staqsew jekk huwiex ser tinħareġ skema ta' għajnuna għal attivitajiet relatati ma il-Ġimgħa Imqaddsa. Huwa tenna li meta wieħed jikkonsidra l-ispejjes li hemm ma riabilitazzjoni ta' l-uffiċju amministrattiv, ir-Reġjun qed jipproponi li tingħata 500 ewro lil kull Kunsill bħala rimbors wara li jiġu preżentati irċevuti relatati ma dawn l-attivitajiet.

Is-Sindki u Delegati preżenti qablu u rringrazzjaw lil President.

**51.3.3 Il-President informa li qed jiġu proposti żewġ proġetti min fondi Ewropej**

a) Sustainable and Inclusive Futures for Port-CitiesProject - SRC Income: €34,000–€36,000

b) From Shared Borders to Shared Intelligence: Digital Governance for a Cohesive Mediterranean - SRC Income: €160k and need to provide salary costs equivalent to some €30k.

Il-Kunsill qabel mal proposti izda mhux li jingħata ħlas addizzjonali lil Uffiċjal Maniġerjali li jkun qed jaħdem fuq il-proġett.

**51.4 Skeda ta' Pagamenti;**

**51.4.1** Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/26A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**51.4.2** Wara mozzjoni mressqa min proponent Sindku Kapt. Charmaine St John u sekondat mill-Kunsillier Elke Sghendo

il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**51.5 Rapporti**

**51.5.1 Rapport applikazzjoni Uffiċjal Amministrattiv I**

Il-President stieden l-Segretarju Eżekuttiv sabiex taqra rapport ta' l-intervisti li saru fil-5 ta' Frar 2026. Segretarju Eżekuttiv infurmat li żewġ applikanti attendew għal intervista. Għaldaqstant, wara li saru diversi mistoqsijiet mill-bord, qed jiġi rakkomandat li rwol offrut li applikanti ma kienx jilħaq l-aspetti mixtieqa mill-Kunsill.

**51.5.1.1** Il-Kunsill qabel ma rakkomandazzjoni tal-Bord.

**51.5.2 Rapport Finanzjarju Q4**

Il-President ressaq ir -rapport tal-aħħar kwart tas-sena li għada kif intemmet. Hu talab lil accountant Sur Kevin Inkorvaja jagħti spjega tiegħu.

51.5.2.1 Il-President, Sindki u Delegati preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju Q4 b'mod unanimu

**51.5.3 Rapport Finanzjarju 2025 unaudited**

President ressaq il-Financial Statements għas-sena 2025 li ġew iċċirkolati minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu stieden lill-accountant tal-Kunsill Reġjonali biex jingħaqad magħhom u jagħti spjegazzjoni tar-rapporti tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2025.
L-accountant tal-Kunsill Reġjonali s-Sur Kevin Inkorvaja ta' spjega dettaljata tar-rapport finanżjaru.

51.5.3.1 Il-President, Sindki u Delegati preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju Q4 b'mod unanimu

**51.5.4 Business Plan 2026-2030**

Il-President ressaq ir-rapport ta' il-Business Plan li ġiet mfassla għal perjodu ta' bejn 2026 u 2030.

Huwa talab lil accountant sabiex jispjega ir-rapport

Il-pjan ta' negozju ta' 5 snin ikopri l-perjodu mill-2026 sal-2030 . L-allokazzjoni tal-Gvern hija prevista €750,000 fis-sena matul il-perjodu kollu. Id-dħul l-ieħor, inkluża l-Allokazzjoni għall-Ġbir tal-Iskart għal€4,439,026 tiżdied gradwalment għal €4,500,000 sal-2030 u l-fatturi tal-iskart u għall-PROs għal €860,974 tiżdied gradwalment għal €875,000 sal-2030.
In-nefqa totali kienet inizjalment prevista għal €6,097,297 (miżjuda għal €6,217,604 sal-2030), bil-biċċa l-kbira tal-oġġetti miżmuma fl-istess livelli bħal għall-2025, ħlief għal dawn li ġejjin:
(a) żieda annwali ta' 3% ġiet prevista għas-salarji u l-pagi; (b) oġġett ġdid għall-miżati tal-periti għall-proġett kapitali għall-bini amministrattiv għal €17,77,700 inkluża l-VAT fl-2026 biss;
(ċ) id-deprezzament żdied għal €103,360 fl-2026 (minn €20,760 fl-2025) minħabba l-proġett kapitali għall-bini amministrattiv, li qed jonqos hekk kif aktar assi fissi qed jiġu deprezzati kompletament.
(d) ġew proġettati rati ogħla għall-miżati tal-ġbir/rimi tal-iskart;
(e) spiża ta' darba għall-inawgurazzjoni tal-uffiċċju amministrattiv stmata għal €30,000 fl-2026;
(f) inkluż numru ta' skemi, inklużi l-iskemi tal-Milied għal kull kunsill, il-Proġett Art for Active Ageing, l-Avveniment tat-Tlielaq taż-Żwiemel ta' Malta u l-proġett tal-kwiżż Hena Emozzjoni, Narrativa u Arti, tnejn minnhom se jkunu parzjalment iffinanzjati mill-Kunsill Reġjonali nnifsu. L-Operazzjonijiet u l-Manutenzjoni Proġettati huma proġettati għal €5,492,216 li jinkludu pagamenti lill-kuntratturi u lil WasteServ għall-Ġbir tal-Iskart u r-Rimi tal-Iskart, li jiżdiedu għal €5,650,000 sal-2030. L-ispejjeż tal-Amministrazzjoni Proġettati huma inizjalment ta' €123,890, inklużi l-miżati tal-periti, iżda huma mistennija li jiżdiedu għal €90,432. Infiq ieħor huwa inizjalment proġettat għal €103,360 li jirrappreżenta deprezzament annwali u se jonqos fis-snin sussegwenti hekk kif aktar assi fissi jiġu deprezzati kompletament.
Il-prestazzjoni finanzjarja għall-2026 irriżultat f'surplus projettat ta' €10,018 u defiċit ta' €26,904 fl-2030 sakemm l-allokazzjoni tal-gvern ma tiżdiedx biex tkopri l-inflazzjoni tal-ispejjeż mistennija.

**51.5.4.1** Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw il-Business Plan 2026-2030 b'mod unanimu

**51.6 Item: Preżentazzjoni analiżi ġbir ta' skart 2024/2025**

Il-President informa li wara li ngabret l-informazzjoni meħtieġa rigward it-tunnellaġġ ta' l-iskart f'sena 2025 għalhekk saret analiżi ta' sitwazzjoni paragun ma sena 2024. Huwa stieden lil Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill kordinazzjoni ta' ġbir ta' l-iskart sabiex jagħmel preżentazzjoni ta' l-analiżi. L-informazzjoni li ngħatat kienet tirrifletti il-ġbir ta' l-borża sewda, il-borża organika u dak ta' riċiklaġġ min kull lokalita f'ħdan ir-Reġjun. Dan l-analiżi wera li kien hemm xejra pożittiva fil-maġġoranza ta' lokalitajiet għalhekk ħafna mir-residenti kienu qed jagħmlu l-almu tagħhom sabiex jisparaw l-iskart. Uffiċjal Maniġerjali fakkar li qed issiru diversi inizjattivi mir-Reġjun sabiex issir tagħlim kif għandu jiġi separat l-iskart.

51.6.1 Il-President, Sindki u Delegati preżenti rringrazzjaw lil Uffiċjal Maniġerjali ta' xogħol li kien qed issir. Il- membri preżenti ġew infurmati li din il-preżentazzjoni kienet ser tintbagħtilhom b'imejl. Il-President ikkonkluda li jekk l-andament ta' tunnellaġġ ta' borża sewda jibqa' jonqos, l-ispiża frankata tissarraf f'proġetti għal Lokalitajiet

**51.7** **Item: Attività San Girgor**

Il-President informa li qed jiġi propost sabiex bħal ma sar f'snin preċedenti, ir-Reġjun jifinanzja it-transport min kull lokalita fir-Reġjun sabiex resident j'attendu għaċ-ċelebrazjoni ta' San Girgor li sir f'Zejtun u Marsaxlokk.

**51.7.1** Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw din proposta u ringrazzjaw li Regjun ta' din l-attivita.

**51.8** **Item: Applikazzjoni CPDP Programme on Waste Prevention 2030**

Il-President informa li l-Awtorita ta' l-Ambjent u Rizorsi qed tipproponi Programm ta' zvilupp dwar prevenzjoni ta' skart. Għaldaqstant it-Tim Maniġerjali ta' Reġjun fasali diversi temi ta' implementazzjoni sabiex jippartecipa f'dan il-programm ta' kollabrazzjoni. Dawn it-temi nbagħtu lil Awtorita bħala sottomissjoni ta' interess, fejn il-pjan inzjalli ġie milquħ. Bħallisa ir-Reġjun qed jikonludi il-fazi relatata mal-Baġit ta' dan il-proġett u jintbgħat għal evalwazzjoni finali. Jekk din il-proposta tiġi milqugħa ir-Regjun ser jingħata 20,000 ewro. Ħafna mix-xogħol relatat ma dan il-proġett ser issir mill Uffiċjali Maniġerjali stess, izda hemm bzonn jinxtara software u materjali ieħor, kif ukoll issiru attivijiet ma' lis-skejjel u Kunsilli Lokali. Huwa tenna li dan il-proġett ser ikun informattiv u edukattiv għalhekk qed jiġi propost li f'ċirkostanza li fondi ta' dan il-proġett ma jiġux mogħtija mill-ERA ir-Reġjun ikun jista jutiliza il-fondi tiegħu għal dan il-proġett. Huwa talab li Sindki u Delegati prezenti jekk jaqblux mal-proposta.

**51.8.1** Is-Sindki u Delegati preżenti approvaw il-proposta u ringrazzjaw lil Uffiċjali ta' l-inizjativa

**51.9** **Affarijiet Oħra**

Sindku Joan Agius staqsiet fuq it-tender ta' dwal ta' toroq. Il-President spjega li tender ma tkompliex bil-proċess għal Reġjun għadu ma rċeviex risposta mingħand id-Dipartiment tal-Gvern lokali dwar jekk l-Enemalta hux ser tieħu f'responsabiltà id-dwal ta' toroq.

**51.10** **Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

**51.10.1** Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 25 ta'Marzu 2026

Konfermati llum 25 ta' Marzu 2026___________________

Jesmond Aquilina

President

Mariella Strout

Segretarju Eżekuttiv